IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2012 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**Il-Ktieb Elettroniku u l-Qari minn fuq il-Kompjuter**

- Esperjenza differenti ta' qari?
- Iġġorr librerija miegħek.
- Għandek aċċess għall-internet bil-*wifi*.
- Il-vantaġġ tan-nuqqas ta' piż.
- Tiffranka l-ispazju u l-karti.
- L-iżvantaġġ li jekk titilfu titlef kollox, u spiża kbira.
- Mhux kull ktieb jiġi f'format elettroniku.
- L-iżvantaġġ li tintilef l-esperjenza fiżika u sensorja tal-ktieb.
- Il-ħafna kotba fuq il-qarrej elettroniku bħall-*Kindle* jistgħu jtellfuk milli tikkonċentra fuq ktieb wieħed.

**Klieb fl-Aħbarijiet**

- Il-ġrajjiet li seħħew dan l-aħħar, moħqrija tal-klieb.
- Il-moħqrija ta' annimali oħrajn.
- L-attitudni tagħna lejn il-klieb turi l-attitudni tagħna lejn bnedmin oħrajn?
- L-imħabba għall-klieb – il-kelb ħabib tal-bnedmin.
- Klieb tat-triq.
- Il-kwalitajiet tal-klieb.
- Tipi ta' relazzjonijiet mal-bnedmin: kelb tal-għassa, tal-għomja, tal-pulizija.
- Min hu l-aktar perikoluż? L-annimal annimal, jew il-bniedem annimal?
- Klieb perikolużi – bnedmin perikolużi.
- Is-soċjetà tagħmlek kelb?

**Ir-Rivoluzzjonijiet fil-Pajjiżi Għarab**

- It-Tuneżija, l-Eġittu, il-Baħrejn, il-Jemen, il-Libja, is-Sirja.
- Għaliex qed isiru dawn ir-rivoluzzjonijiet paċifiċi?
- It-tkeċċija tad-dittaturi u sistemi inġusti u korrotti.
- Min qed imexxi dawn ir-rivoluzzjonijiet? In-nies komuni...
- Is-sehem indaqs tan-nisa u l-irġiel.
- L-użu tal-internet u speċjalment is-siti soċjali bħal *Facebook* u *Twitter*.
- Malta kif misset ma' dawn ir-rivoluzzjonijiet?
- Kif inbidlu (jew ma nbidlux) l-ideat tal-Maltin dwar l-Għarab?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2012 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**Gazzetti u Ġrajjiet Kurrenti**

- Kif tkun taf x'qed jiġri f'Malta u barra minn Malta?
- Meta tiftaħ gazzetta jew taraha fuq l-internet xi tfittex? Għaliex?
- Tfittex il-gazzetti minħabba dak li jkun għaddej fil-pajjiż jew fid-dinja?
- Tfittex l-isport?
- Kemm taħseb li jinfluwenzawna l-gazzetti?
- Taħseb li l-gazzetti saru irrilevanti? Jew bl-internet saru iktar rilevanti?
- X'taħseb fuq il-fenomenu tal-qarrejja li jiktbu l-kummenti tagħhom wara l-artikli fil-gazzetti elettroniċi?
- Ġieli ktibt inti?
- Tagħti kas tal-persuna li kitbet l-artiklu li qed taqra u l-opinjonijiet li jista' jkollha?
- Il-gazzetti u l-kotba tal-istorja: x'inhu x-xebh u x'inhuma d-differenzi bejniethom?

**Iċ-Ċinema fil-gżejjer Maltin**

- 62% tal-Maltin qalu li ma marrux iċ-ċinema fl-2011.
- Għaliex taħseb?
- Inti tmur iċ-ċinema? Xi tfittex f'film?
- L-esperjenza taċ-ċinema x'għandha differenti minn dik tal-films li tara d-dar? Vantaġġi u żvantaġġi.
- Film huwa xogħol tal-arti jew prodott kummerċjali ieħor li tixtrih?
- Iċ-ċinema ta' Malta marbut wisq ma' Hollywood?
- Tagħti kas tal-*Oscars*? Taħseb li dawn il-premjijiet huma sempliċiment għodda kummerċjali oħra li tbigħ prodott?
- Rajt xi wieħed mill-films li għadhom kemm rebħu l-*Oscars*, fosthom *Hugo, The Artist, The Iron Lady, A Separation, The Help,* u *The Girl With the Dragon Tattoo*?
- Film li rajt u nsejtu mill-ewwel; film li baqa' msammar f'moħħok.

**Id-Delitti u n-Nies**

- Id-delitti li jitkellmu fuqhom in-nies.
- Għandhom dritt jitkellmu fuqhom?
- Id-diqa tal-qraba tal-vittmi.
- Id-dritt tal-privatezza tal-vittmi u l-qraba u l-ħbieb tagħhom.
- Id-dritt tal-privatezza tal-mixlijin.
- Delitti li jibqgħu jissemmew.
- In-nies li jinteressaw ruħhom fid-delitti jkunu qed jindaħlu fejn ma jesagħhomx? Jew l-interess tagħhom huwa ġenwin?
- Delitti li ma tantx jibqgħu jissemmew. Għaliex?
- Għaliex ċerti delitti diffiċli biex jissolvew?
- Importanti li ssir magħrufa l-verità jew kultant aħjar kelb rieqed ma tqajmux?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2012 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**Diżastri Naturali u Diżastri Umani**

- Diżastri naturali li baqgħu jissemmew.
- Diżastri umani li baqgħu jissemmew.
- Il-bnedmin jikkontrollaw in-natura u jħarbtu l-pjan tan-natura.
- Hemm diżastri naturali li jikbru minħabba nuqqasijiet umani?
- Hemm mod kif tilqa' għad-diżastri naturali?
- F'Malta taħseb li lesti biex nilqgħu għal diżastru naturali kbir?
- F'Fukushima kien hemm diżastru naturali (it-*tsunami*) u diżastru b'xi mod ikkawżat mill-bnedmin (fl-impjant nukleari).
- Kif tista' tevitahom dawn iż-żewġ tipi ta' diżastri?
- Bini kontra ċ-ċaqliq tat-terrimoti.
- Id-diżastru li ġġib magħha l-gwerra kkawżata mill-bnedmin.
- Taħseb li għad jasal żmien meta l-bnedmin jaħkmu l-forzi qerrieda tan-natura?

**Mużewijiet u siti storiċi**

- 69% tal-Maltin u l-Għawdxin qalu li fl-2011 ma żarux mużew jew sit storiku.
- Malta u Għawdex qishom mużew, kullimkien hemm x'tara.
- B'danakollu, ħafna Maltin u Għawdxin donnhom m'għandhomx grazzja mal-mużewijiet.
- Għaliex? Minħabba l-mod kif inhuma ppreżentati l-oġġetti esibiti?
- Minħabba l-ħin? Minħabba l-prijoritajiet tan-nies? Minħabba l-ħlas?
- Taħseb li l-Maltin għandhom iħallsu biex jidħlu f'mużew?
- Jekk ikunu b'xejn għall-familji, taħseb li jżuru iżjed il-mużewijiet u s-siti storiċi?
- Mużew iktar ħaj: kieku inti kif tagħmlu?
- Kif tqanqal il-kurżità tal-viżitaturi?

**Is-Safar Avventura, imma Periklu wkoll**

- Inċidenti fl-aħbarijiet marbutin mas-safar u l-vaganzi.
- Tibża' mis-safar, mill-ajruplan, mill-baħar?
- Is-safar iktar periklu mill-ħajja normali ta' kuljum?
- Taħseb li l-inċidenti ta' dan l-aħħar fuq żewġ *cruise liners* b'passiġġieri Ewropej se jaffettwaw il-popolarità tal-btajjel fuq il-baħar?
- Il-biża' minn dak li ma tafx.
- L-avventura li tiskopri pajjiżi oħrajn, nies differenti minnek u fl-istess ħin bħalek.
- Liema pajjiżi tixtieq iżżur? Għaliex?
- Fil-Mediterran? Fl-Ewropa? Lil hinn?
- X'tistenna li se ssib?
- Xi tħobb tagħmel meta tkun imsiefer?

IM22o1k.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-KTIEB ELETTRONIKU
# U L-QARI MINN FUQ IL-KOMPJUTER

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# KLIEB FL-AĦBARIJIET

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o1k.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IR-RIVOLUZZJONIJIET FIL-PAJJIŻI GĦARAB

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# GAZZETTI U ĠRAJJIET KURRENTI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.12m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IĊ-ĊINEMA FIL-GŻEJJER MALTIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# ID-DELITTI U N-NIES

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o3k.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# DIŻASTRI NATURALI U DIŻASTRI UMANI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o3k.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# MUŻEWIJIET U SITI STORIĊI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o3k.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2012 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IS-SAFAR AVVENTURA, IMMA PERIKLU WKOLL

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 14 ta' Mejju 2012 |
| **ĦIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett **wieħed** u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Kif issalva ħbiberija.
2. L-inkwiet iqawwik.
3. Qattiela.
4. Il-gwerra kontra d-droga.
5. Il-lejl iġib il-mistrieħ. Imma mhux għal kulħadd.
6. Qabel operazzjoni.

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Il-vokabularju ta' lsien ħaj, bħalma huwa l-Malti, jgħaddi minn proċess kontinwu ta' tibdil. Waqt li ċertu kliem ma jibqax jintuża u jgħib, jidħol kliem ġdid li jkun meħtieġ biex lingwa tibqa' tiżviluppa.

2. It-tiswir morfoloġiku jinvolvi proċessi bħad-derivazzjoni (l-affissi), il-kliem kompost, it-tqarwiż, il-formazzjoni warranija, il-*blending*, u l-akronimi. Analizza mill-inqas erbgħa minn dawn il-proċessi fid-dawl tal-morfoloġija tal-Malti.

3. Ninu Cremona jgħid li l-ilsien Malti nistgħu nqabbluh ma' bini qadim li minn seklu għal ieħor u minn saltna għal oħra tbiddel, issewwa u żżewwaq skont il-bixra tad-disinn u tat-tnaqqix taż-żminijiet. Fid-dawl ta' dak li jgħid Cremona, iddeskrivi kif l-elementi lingwistiċi ta' nisel differenti jitħalltu fil-Malti.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Il-poeti Maltin jagħtu l-viżjoni tagħhom tal-istorja qadima u reċenti tal-Maltin. X'inhuma l-elementi li jagħfsu fuqhom l-aktar fil-poeżiji tagħhom?

2. Ħafna drabi l-poeti Maltin jaraw firda bejn il-pajsaġġ naturali u d-dinja tal-bnedmin. Xi jwassal għal din il-firda? Il-poeti fejn ipoġġu lilhom infushom?

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Fid-dramm ta' Francis Ebejer *Menz*, iż-żewġ nisa Tereża u Ludilla B. huma tista' tgħid karattri opposti, iżda t-tnejn iħallu impatt kbir fuq il-karattru prinċipali tad-dramm. Iddiskuti.

2. L-azzjoni fid-dramm *Menz* isseħħ f'"Belt tkun fejn tkun, iżda, ma jistax jonqos – f'din id-dinja." Hija belt bla isem u bla pajjiż. Madankollu, f'ċerti aspetti ta' dan ix-xogħol Francis Ebejer jagħti l-impressjoni li qed jikkummenta dwar Malta. Taqbel?

3. Skont Oliver Friggieri, fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* "Ellul Mercer jisħaq fuq tliet problemi li lkoll flimkien jistgħu jitqiesu bħala tliet friegħi tal-problema tal-ħażen: il-ħażen reliġjuż, il-ħażen soċjali u l-ħażen fiżiku." Ikteb dwar dawn it-tliet tipi ta' ħażen fir-rumanz.

4. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hemm għadd ta' karattri u stejjer sekondarji li jsaħħu n-nisġa ċentrali tar-rumanz. Ikteb dwar il-karattri tal-aħwa u tal-missirijiet u dwar il-ġrajjiet li fihom jidhru l-aktar.